# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 22 ta' Marzu 2002.**

**Numru**

**Citaz. numru 633/94 DS**

Assuero Ellul (Senior) u martu Crocefissa Ellul, u Assuero Ellul (Junior) u martu Josephine Ellul, u b'digriet tas-6 ta' Gunju 2001 stante l-mewt ta' Assuero Ellul (Senior) il-gudizzju gie trasfuz f'isem l-imsemmijin Crocefissa Ellul U Assuero Ellul (Junior)

vs

1. Direttur Generali tax-Xoghlijiet,

2. Ministru ghall-Ambjent,

3. Kummissarju ta' l-Artijiet,

4. Marin Hili fil-kwalita` tieghu ta' Managing Director ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` "Malta Freeport Corporation Limited", u

b'digriet tas-7 ta' Dicembru 1994 id-Direttur Tad-Dipartiment tat-Toroq gie ammess jintervjeni fil-kawza "in statu et terminis"

Illum, 22 ta' Marzu 2002

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fid-9 ta' Mejju 1994 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew:

Illi l-attur Assuero Ellul (Junior) jabita mal-familja tieghu fir-Razzett fit-Triq L-Immakolata Kuncizzjoni, Benghajsa, limiti ta' Birzebbuga, f'liema Razzett l-attur Assuero Ellul (Senior) ghandu hemmhekk annimali u xi affarijiet tieghu;

Illi dan l-ahhar l-intimati ppruvaw jizgumbraw lill-atturi minghajr ma jghatuhom post alternattiv, u l-konvenuti riedu jwaqqghu l-imsemmi Razzett biex jghaddu t-triq il-gdida minn go fih, biex fost affarijiet ohra sservi ghall-garr tal-containers tas-Socjeta' konvenuta "Malta Freeport Corporation Limited";

Illi l-atturi ottjenew il-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 2303/93 JSP u l-konvenuti D-Direttur tax-Xogholijiet u l-Ministru ghall-Ambjent gew inibiti milli jizgumbraw lill-atturi mir-Razzett in kwistjoni jew milli jiddemolixxu l-istess Razzett;

Illi l-konvenuti ghamlu xogholijiet fl-inhawi tar-Razzett imsemmi u "inter alia" ghalqu it-triq il-gdida madwar l-istess Razzett u f'livell aktar ghola minnhu, ghalqu t-Triq l-Immakolata Kuncizzjoni li giet maqsuma bit-triq il-gdida msemmija b'mod li ma thalliex passagg taht it-triq il-gdida biex l-ilma li jinzel mit-Triq l-Immakolata Kuncizzjoni u li jiskula mill-ghelieqi jieqaf quddiem ir-Razzett, u dana kollu kif jidher ukoll mic-certifikat hawn unit Dok. "A" rilaxxjat mill-Perit Arkitett Saviour Borg B.E. &A.;

Illi minhabba dawn ix-xogholijiet l-ilma li jispicca quddiem ir-Razzett wara li jinzel mit-Triq Immakolata Kuncizzjoni u li jiskula mill-ghelieqi, meta jilhaq certu livell jidhol gor-Razzett u jkun hemm inondazzjoni tar-Razzett kollu b'perikolu serjissimu ghall-hajja umana tan-nies li jghixu hemmhekk kif gara propjament ix-xitwa li ghaddiet bl-ilmiet tax-xita li ghamlet;

Illi barra min hekk bix-xogholijiet li ghamlu l-konvenuti kissru wkoll is-sistema tad-drenagg ta' fejn ir-Razzett, u fuq wara tar-Razzett fil-ftuh tat-Triq il-Gdida u l-irdim mal-hajt ma sarx qatran jew protezzjoni ohra lill-hajt tar-Razzett kontra l-umdita', kif titlob is-sengha tal-bini kif ghandu jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza anki f'xogholijiet ohra li saru mill-konvenuti;

Illi b'konsegwenza ta' hekk l-atturi gew esposti ghall-perikolu u qed isofru danni ingenti u inkonvenjenzi kbar;

Illi l-agir tal-konvenut huwa wkoll wiehed vessatorju biex igieghlu lill-atturi jallontanaw ruhhom mir-Razzett imsemmi qabel anki ma jkun hemm decizjoni tal-Qorti fil-kawza fl-ismijiet premessi;

Illi l-konvenuti interpellati biex jirrimedjaw immedjatament partikolarment qabel ma jkun hemm xi disgrazzja, baqghu inadempjenti u lanqas irrispondew ghall-protest gudizzjarju prezentat kontrihom;

talbu li din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara illi x-xogholijiet li ghamlu l-konvenuti, jew min minnhom, fil-ftuh tat-Triq il-Gdida madwar ir-Razzett li hemm fit-Triq l-Immakolata Kuncizzjoni, Benghajsa, limiti ta’ Birzebbuga, huma ta’ natura li joholqu perikolu u/jew inkonvenjenza lill-atturi, ma sarux skond is-sengha u l-arti fejn l-istess Triq Gdida tmiss mar-Razzett, u di piu’ bl-istess xogholijiet il-konvenuti, jew min minnhom, ikkagjonaw hsara lill-propjeta’ okkupata mill-atturi kif fuq inghad.

2. Tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, sabiex fi zmien qasir u perentorju li joghgobha tipprefiggi dina l-Qorti jnehhu l-perikolu u/jew l-inkonvenjent, inehhu kwalunkwe kostruzzjoni u xogholijiet illegali, u jsewwu l-hsara li huma kkagjonaw fejn jew fir-Razzett imsemmi fit-Triq Immakolata Kuncizzjoni, Benghajsa, limiti ta' Birzebbuga; u

3. Fin-nuqqas, l-atturi jigu awtorizzati jezegwixxu huma l-istess xogholijiet li tordna l-Qorti, u dana okkorrendo taht id-direzzjoni ta’ Perit li tinnomina dina l-Qorti u ghas-spejjez tal-konvenuti;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-protest gudizzjarju tat-2 ta' Novembru, 1993, u tal-4 ta' Marzu 1994, kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

B'rizerva ta' kull azzjoni ohra spettanti lill-atturi, senjament dik ta' danni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Marin Hili nomine fejn qal:

1. Illi r-razzett imsemmi mill-attur huwa barra mill-konfini tal-Malta Freeport.

2. Illi x-xogholijiet imsemmija mill-atturi ma sarux mill-Malta Freeport Corporation Limited.

3. Salve eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Direttur Generali tax-Xoghlijiet, Ministru ghall-Ambjent u Kummissarju tal-Artijiet fejn qalu:

1. Preliminarjament, illi l-Ministru ghall-Ambjent, id-Direttur Generali tax-Xogholijiet, u l-Kummissarju tal-Artijiet ma humiex il-legittimi

kontraditturi ghat-talbiet tal-atturi u ghandhom jigu liberati minnhom stante li l-Gvern ghandu dipartiment partikolari li hu nkarigat mit-toroq liema Dipartiment huwa kompetenti fil-materja meritu ta' din il-kawza.

*2.* Subordinament, illi tesisti relazzjoni ta' pregudizjalita bejn din il-kawza u l-kawza fl-ismijiet "Assuero Ellul et vs Ministru ghall-Ambjent et" (Cit. Nru. 381/93 GMA) indikata fic-citazzjoni tal-atturi b'mod illi d-decizjoni ta' dik il-kawza hija premessa necessarja ghall-proponibilita tal-kawza odjerna u dan stante li l-fond allegatament okkupat mill-atturi ilu espropijat mill-Gvern ghal zmien twil u jekk l-atturi ma jirnexxielhomx jesserixxu l-pretenzjoni taghhom fis-sens li huma jabitaw fil-fond in kwistjoni fil-kawza indikata jigi li huma ma jkollhom l-ebda interess guridiku biex isostnu l-kawza prezenti. Illi ghalhekk l-esponenti jecepixu l-*lis abili pendens.*

3. Subordinament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi x-xoghol ta' kostruzzjoni ta' triq imsemmi fic-citazzjoni tal-atturi sar skond is-sengha.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tat-3 ta' Marzu 1995 fejn gie nominat l-A.I.C. Anthony Bailey bhala perit tekniku biex jirrelata limitatament ghax-xoghlijiet li saru fil-ftuh tat-triq il-gdida madwar ir-razzett imsemmi fil-korp tac-citazzjoni u jghid jekk dawn humiex ta' periklu jew inkonvenjenza ghall-atturi u jekk dawn ikkagunawx hsara fl-istess razzett;

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku debitament mahlufa fl-14 ta' Marzu 2001;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Ma jirrizultax kontestat li fuq ir-razzett in kwistjoni nharget ordni ta' esproprjazzjoni. Izda lanqas ma hu kontestat li l-atturi ottjenew il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni (numru 2303/93JSP) kontra d-Direttur Generali tax-Xoghlijiet u l-Ministru ghall-Ambjent biex jigu inibiti milli jizgumbraw lill-atturi minn dan ir-razzett jew li jiddemolixxu l-istess razzett. Kif mhuwiex kontestat li gew inizjati proceduri mill-atturi in segwitu ghall-imsemmi mandat permezz ta' kawza fl-ismijiet "Assuero Ellul et vs Ministru ghall-Ambjent et" (Citaz. Nru. 381/93) u li jidher li ghadha pendenti.

Ghalhekk f'din il-kawza l-Qorti mhijiex se tidhol fil-kwistjoni jekk l-atturi jew min minnhom ghandhomx xi titolu fuq ir-razzett in kwistjoni u jekk ghandhom xi titolu xi kwalita` ta' titolu hu dan. Ghall-finijiet ta' din il-kawza huwa sufficjenti li jigi determinat jekk l-imsemmi razzett kienx in effetti okkupat minnhom, jew min minnhom, u jekk sehhx il-periklu jew inkonvenjent li jallegaw b'rizultat tat-triq li nbniet biswit l-istess razzett.

L-attur Assuero Ellul Snr. sostna fix-xiehda tieghu waqt seduta peritali tat-18 ta' Dicembru 1995 li l-post mikri lilu u li ilu fuq erbghin sena ghandu izda meta mar joqghod B'Bugia, it-tifel tieghu (l-attur Assuero Ellul Jnr.) baqa' hemm. Zied ighid li t-tifel tieghu ilu mizzewweg sitt snin u joqghod hemm bil-familja. Dan l-attur qal ukoll li fir-razzett ghandu tigieg u fniek.

L-attur Asuero Ellul Jnr. Xehed fis-seduta peritali tat-2 ta' Frar 1996. Huwa qal li minn dakinhar tal-prezentata tac-citazzjoni sal-gurnata li kien qieghed jixhed baqa' ighix fir-razzett mal-familja. Kemm hu kif ukoll missieru baqaghlhom xi annimali hemm. In kontroezami rega' qal li jghix fir-razzett u li ilu jghix hemm minn mindu twieled. Qal li l-mara tieghu gieli tkun mieghu u gieli le peress li gieli jkollu xi jghid maghha u ddabbar rasha. Kien ilu mizzewweg sitt snin jew sebgha. Mistoqsi jekk meta kien zghir kienx ighix hemm wahdu, huwa wiegeb li qabel kien hemm missieru, ommu u hutu u meta missieru u ommu nizlu

B'Bugia baqghet ohtu mizzewga. Meta mbaghad izzewweg kien ighix hemm bil-familja tieghu biss.

Xehdet ukoll l-attrici Josephine Ellul fis-seduta tad-29 ta' April 1997 li pero` qalet li m'ghadx ghandha konnessjoni mar-razzett u ilha nieqsa minn hemm sentejn u nofs. Qabel kienet tghix hemm. Hija spjegat li hemm proceduri ta' separazzjoni pendenti bejniethom. Marret tghix fir-razzett meta zzewget madwar is-sena 1990.

Minn din ix-xiehda mhix kontradetta ghalhekk jirrizulta li meta giet intavolata c-citazzjoni r-razzett in kwistjoni kien ghadu f'idejn l-atturi u li l-attur Assuero Ellul Jnr. kien jabita hemm. U mill-istat tal-provi mressqa quddiem il-Qorti ma hemm l-ebda evidenza li huwa allontana ruhu mill-imsemmi razzett. Ghalhekk il-Qorti se tghaddi biex tikkunsidra l-allegat perikolu jew inkonvenjent li dwaru lmentaw l-atturi fic-citazzjoni taghhom.

Dwar dan il-perit tekniku kellu hekk xi jghid fir-relazzjoni tieghu:

"[6] Illi l-esponent hejja l-pjanta mmarkata bhala DOK AB2 li turi pjanta tas-sit tar-razzett u l-kostruzzjonijiet li saru waqt l-access.

[7] Illi kif muri fl-istess pjanta DOK AB2 u kif gie kkonstatat, ir-razzett tal-atturi in kwistjoni ghandu l-access b’faccata fuq triq l-Immakolata Kuncizzjoni. Din it-triq li tilqa’ fiha l-ilma li jiskula mill-ghelieqi f’livelli ghola, qabel ma saru x-xogholijiet mill-konvenut, kienet taqleb l-isfel magenb ir-razzett u kienet tibqa sejra sa Wied ix-Xoqqa.

[8] Illi kif jirrizulta mix-xhieda tal-AIC Marco Chircop u l-ufficjal tekniku Carmel Mifsud, li dak iz-zmien kienu mpjegati tal-Malta Freeport Corporation, kienet l-istess Malta Freeport Corporation li fis-sena 1991 iddisinjat, ikkummissjonat u ffinanzjat ix-xogholijiet ta' bini ta' triq gdida maghrufa bhala "South Road" f'Benghajsa u dan permezz tal-kuntratturi minnha mqabbda-KalaXlokk Construction (KXC).

[9] Illi kif muri fil-pjanta DOK AB2, ir-Razzett tal-atturi jinsab fil-linja ta’ din it-triq gdida maghrufa bhala “South Road”, tant li biswit ir-razzett saret diversjoni fit-triq b’tali mod li din daret madwar ir-razzett biex tiskapulah. Din il-parti tat-triq biswit ir-razzett hija pjuttost perikoluza peress li tidjieq f'daqqa u hemm "Blind Corner" totali.

[10] Illi kif muri f’DOK AB2 it-triq il-gdida maghrufa bhala “South Road” taqsam u timblokka lit-triq l-Immakolata Kuncizzjoni u dana f’livell aktar gholi ta’ bejn erba’ u hames filati.

[11] Illi kif gie kkonstatat waqt l-access, ma saru l-ebda xogholijiet fit-triq il-gdida sabiex l-ilma li jghaddi minn triq l-Immakolata Kuncizzjoni jibqa ghaddej minn taht it-triq il-gdida, u dan b'konsegwenza li l-ilma jingabar quddiem ir-razzett tal-atturi. Mix-xhieda jirrizulta li dawn ix-xogholijiet remedjali ghal din il-problema tal-ilma ma sarux ghax ir-razzett kien qed jigi meqjus li ser jitwaqqa'.

[12] Illi kif muri fir-ritratti DOK ABP1 sa DOK ABP6, meta tinzel hafna xita l-ilma li jingabar quddiem ir-razzett jilhaq certu livell b'konsegwenza li l-ilma jidhol gewwa u jkun hemm inondazzjoni totali tar-razzett. Din l-inondazzjoni hija zgur ta' nkonvenjent kbir ghall-atturi, li kif jirrizulta mix-xhieda, diversi drabi kienu kostretti juzaw pompi u muturi sabiex jitnaqqas il-livell tal-ilma.

[13] Illi kif muri f'dawn l-istess ritratti, l-atturi sofrew hsarat u danni minhabba din l-inondazzjoni. Apparti hsarat fil-bini u l-ghamara minhabba umdita', l-istess ilma gharraq u qatel numru ta' tigieg u ghamel hsara fl-ikel u l-gwiez tal-annimali.

[14] Illi waqt l-access gie kkostatat li minhabba x-xogholijiet li saru in konnessjoni mal-bini tat-triq il-gdida, fossa tad-drenagg li l-atturi kellhom fit-triq l-Immakolata Kuncizzjoni tkissret u ntradmet.

[15] Illi kif gie kkostatat waqt l-access, u kif ikkonfermat mix-xhieda tal-AIC Marco Chircop li kien inkarigat mix-xogholijiet tat-triq il-gdida, ma sar l-ebda qatran jew "damp proofing" fejn it-triq il-gdida raddmet il-faccata ta' wara tar-razzett tal-atturi u dan b'konsegwenza ta' hsarat kagunati mill-umdita'. Kif jirrizulta mill-istess xhieda dan il-qatran kontra l-umdita' ma sarx ghax ir-razzett kien qed jitqies li ser jitwaqqa'.

[16] Illi l-esponent huwa tal-umli fehma:

(i) Illi l-inondazzjoni tar-razzett bl-ilma tax-xita issarraf f'inkonvenjenti kbar u hsarat ghall-atturi. L-inondazzjoni tista' tohloq ukoll elementi ta' perikolu jekk il-livell tal-ilma jitla' sal-massimu tieghu qabel ma jfur ghal fuq it-triq il-gdida.

(ii) Illi l-hsarat fil-fossa u fis-sistema tad-drenagg tar-razzett ikkagunati bix-xogholijiet tal-bini tat-triq il-gdida jikkawzaw inkonvenjenti addizzjonali ghall-abitanti tar-razzett.

(iii) Illi l-umdita' kkawzata minhabba n-nuqqas ta' qatran protettiv bejn it-triq il-gdida u l-hajt tar-razzett tikkaguna hsarat fil-hitan ta' l-istess razzett u tohloq inkonvenjenti ta' moffa u tfarfir ta' kisi u zebgha minn fuq il-hitan.

[17] Illi ghaldaqstant, l-esponent huwa tal-umli fehma li din l-Onor. Qorti ghandha tilqa t-talba tal-atturi u tiddikjara illi xogholijiet li ghamlu l-konvenuti Malta Freeport Corporation huma ta' natura li joholqu perikolu u/jew inkonvenjenza lill-atturi, li ma sarux skond is-sengha u l-arti, u li kkagunaw hsara lill-propjeta' okkupata mill-atturi;

[18] Illi l-esponent huwa tal-fehma li dan l-inkonvenjent u perikolu jitnehha jekk il-konvenuti Malta Freeport Corporation jaghmlu s-segwenti xoghol rimedjali:

(i) Tqeghid ta' katusi taht it-triq il-gdida fejn taqsam lit-triq l-Immakolata Kuncizzjoni sabiex iservu ta' passagg ghall-ilma u b'hekk jigi evitat li jingabar aktar ilma quddiem ir-razzett;

(ii) Tqeghid ta' qatran protettiv wieqaf kontra l-umdita' ("damp proofing") fejn it-triq il-gdida tmiss ma' wara tar-razzett;

(iii) Kisi u tibjid mill-gdid tal-partijiet tar-razzett affetwati mill-umdita’

(iv) Riparazzjoni/thaffir mill-gdid ta’ fossa tad-drenagg bil-komunikazzjonijiet necessarji.

[19] Illi l-esponent huwa tal-fehma illi dan ix-xoghol remedjali ghandu jitlesta fi zmien tlett xhur.”

Il-Qorti jidhrilha li l-perit tekniku ghamel apprezzament tajjeb tal-provi migjuba u taqbel li r-responsabbilta` hija unikament tas-socjeta` konvenuta Malta Freeport Corporation Limited. Difatti jirrizulta mill-provi li t-triq inbniet mill-Kalaxlokk fuq struzzjonijiet ta’ l-istess socjeta` konvenuta li hallset hi ghall-bini tat-triq (ara xiehda ta’ Carmel Mifsud fis-seduta peritali tad-29 ta’ Frar 1996 u dik ta’ l-A.I.C. Marco Chircop fis-seduta peritali ta’ l-20 ta’ Frar 1997). Issir biss din l-osservazzjoni ghall-fini ta’ kjarezza: fil-hmistax-il paragrafu l-perit tekniku jghid li kkonstata waqt l-access li ma sar l-ebda qatran jew “damp proofing” fejn it-triq il-gdida raddmet il-faccata ta’ wara tar-razzett u li dan huwa kkonfermat mix-xiehda ta’ l-A.I.C. Marco Chircop. Effettivament dan ix-xhud ma ghamel l-ebda referenza ghal “damp proofing” izda billi qal li bazikament ix-xoghol kollu sar taht is-sorveljanza tieghu, li ma sarx drenagg ta’

l-ilma peress li sa fejn kienu jafu r-razzett kien ghat-twaqqiegh, u li r-retaining wall sar kif hu riedu jsir, il-kumment tal-perit tekniku ghandu jinftiehem li billi ma sabx qatran, seta' jiehu x-xiehda tal-perit Chircop bhala konferma ta' dan.

Ghaldaqstant, fid-dawl tal-provi mressqa u tal-konkluzjonijiet peritali, it-talbiet attrici jimmeritaw li jigu milqugha fil-konfront tas-socjeta` konvenuta Malta Freeport Corporation Limited.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi, filwaqt li tillibera lill-konvenuti Direttur Generali tax-Xoghlijiet, Ministru ghall-Ambjent u Kummissarju tal-Artijiet mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra l-atturi, salv dawk tar-rikorsi ta' l-4 ta' Lulju 1994 u tas-6 ta' Lulju 1994 u digrieti relattivi li jigu sopportati minnhom, tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut Marin Hili nomine u ghalhekk

(1) tiddikjara li x-xoghlijiet li ghamel l-imsemmi konvenut Marin Hili nomine fil-ftuh tat-triq il-gdida madwar ir-razzett li hemm fit-Triq l-Immakulata Kuncizzjoni, Benghajsa, limiti ta' Birzebbuga, huma ta' natura li joholqu perikolu u inkonvenjenza lill-atturi u ma sarux skond is-sengha u l-arti fejn

l-istess triq gdida tmiss mar-razzett, u di piu` bl-istess xoghlijiet il-konvenut nomine kkaguna hsara lill-istess proprjeta`,

(2) tikkundanna lill-konvenut Marin Hili nomine biex fi zmien tliet xhur inehhi l-perikolu u inkonvenjenza billi jsir ix-xoghol kollu rimedjali elenkat mill-perit tekniku fil-paragrafu tmintax tar-relazzjoni tieghu u hawn fuq riportat, u dan taht id-direzzjoni ta’ l-A.I.C. Anthony Bailey li qed jigi nominat ghal dan l-iskop,

(3) fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi jesegwixxu x-xoghlijiet huma taht id-direzzjoni ta’ l-istess A.I.C. Anthony Bailey u a spejjez ta’ l-istess konvenut nomine.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut Marin Hili nomine.

L-ispejjez tad-Direttur tad-Dipartiment tat-Toroq li intervjena fil-kawza jigu sopportati minnu stess.

**ONOR. IMHALLEF**

**DR. DAVID SCICLUNA** **D/REGISTRATUR**